# TĦAŻŻINNA WISQ!

Tħażżinna wisq! Intlifna wara l-frugħa
Bil-ħsieb li nbegħdu minna dal-ftit hemm,
U xejn, u xejn ma ntbaħna liema bluha
Se' triedi fuqna: liema diq u semm.

Għalkemm dawn qlubna stess kienu xtaquha
It-triq l'għażilna, l-lum jitbekku d-demm,
Fit-tajn bla ġieħ, bla serħ, bla ġid mitfugħa,
Bix-xewqa fiergħa ta' kemm ħolm intemm.

Tħażżinna wisq! Il-qerq li daħak bina
Għall-bidu wegħdna l'għandna nsibu l-ġid
Ma nbagħad qerdilna l-ferħ, kull hena bnina.

Inti, Kbir Alla, l-lum trid tkun għalina,
Għaliex biss Inti tista' għal dal-għafrid:
Idħol għalina: Int tħallihx jifnina.

Ros. Briffa.